MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 282/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mohamed Megrahi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mohamed Megrahi talli:

(A) fl-14 ta' Lulju 2005, ghall-habta tan-12.30 p.m. f'dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa l-Isptar Monte Carmeli f'H'Attard:

(1) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt liri Maltin (Lm500) imma tiskorri l-hamsin liri Maltin (Lm50);

(B) fit-18 ta’ Lulju 2005, ghall-habta tal-11.00a.m., f’dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa l-isptar Monte Carmeli f’H’Attard:

(2) bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra liema hsara tista’ ggib periklu tal-hajja jew debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti fil-gisem jew difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh b’likwidu li jahraq, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` ta’ l-imputat;

(3) ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ Dr. Joseph Spiteri I.D. 448562M, u tan-nurse Konrad Joseph Aquilina I.D. 465775M, persuni nkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

(4) bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Dr. Joseph Spiteri I.D.448562M, weggghu bi kliem, b’gesti, kitba, disinni jew b’xi mod iehor;

(5) ghamel lil Dr. Joseph Spiteri I.D. 448562M, ingurji jew theddid mhux imsemmija band’ohra f’dawn il-Kodici;

(6) fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 16 ta' Marzu 2005, ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta' l-appellant (allura imputat) sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal tliet snin u hames xhur habs [**recte:** prigunerija] li minnhom jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel f’arrest preventiv u rrakkomandat lir-

Direttur tal-Facilkita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jassigura li l-appellant jibqa' jinghata l-kura kollha li jehtieg;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Mohamed Megrahi pprezentat fit-18 ta’ Ottubru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tirrevokaha in kwantu ikkundannatu ghal tliet snin u hames xhur habs [**recte:** prigunerija] li minnhom jitnaqqas l-arrest preventiv u konsegwentement tbiddilha u tirriformaha billi ma tigix tinkludi fiha dawk it-tliet habs [**recte:** prigunerija] imposti b’sentenza sospiza moghtija fis-16 ta’ Marzu 2005;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant jilmenta mill-fatt li fis-sentenza tas-16 ta' Marzu 2005 hemm zball grossolan peress illi permezz ta' dik is-sentenza l-appellant kien gie kkundannat ghal tliet snin prigunerija sospizi ghal erba' snin minflok sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. Isostni li stante li ma tistax tinghata piena li ma tezistix, dik is-sentenza kellha tigi skartata mill-Ewwel Qorti peress illi hija nulla u mhijiex enforzabbli.

Issa, mill-atti jirrizulta illi b'sentenza tas-16 ta' Marzu 2005 (Dok. VA4 a fol. 23 sa 39) l-appellant odjern kien instab hati ta' serq aggravat bil-mezz, valur, hin u vjolenza u kkundannatu "ghall-piena karcerarja ta' tlett snin sospizi ghal erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta". M'hemm l-ebda dubju li dan huwa spropozitu legali peress illi skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9, hija "sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn" li tista' tigi sospiza ghal perijodu "li ma jkunx ta' inqas minn sena jew ta' izjed minn erba' snin". Nonostante dan jirrizulta li la l-appellant u lanqas l-Avukat Generali ma appellaw minn dik is-sentenza li ghalhekk saret definittiva. Inoltre l-appellant lanqas ma ha passi

biex jadixxi lill-President ta' Malta sabiex tithassarlu parti minn dik is-sentenza.

L-appellant pero` huwa korrett meta jghid li hadd ma ghandu jinghata piena li ma tezistix jew li mhijiex applikabbli u din il-Qorti, bhala Qorti ta' Gustizzja, lanqas ghandha titqies tenuta li tinforza piena li tmur kontra d-dettami tal-ligi. Barra minn hekk, anke minn ezami tal-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti hi soddisfatta li ghandu jkun hemm lok ta' temperament fil-piena. Dawn huma ragunijiet specjali u straordinarji li jiddettaw l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta' tliet snin u hames xhur u, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h) u 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah minflok ghal prigunerija komplessiva ghal perijodu ta' sentejn u hames xhur u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------